# Jekk, *Oliver Friggieri*



## Il-poeta

Oliver Friggieri twieled fl-1947. Beda l-istudji tiegħu fl-iskola Primarja tal-Furjana u wara fis-Seminarju. Fl-università studja l-Malti, it-Taljan u l-Filosofija. Illum huwa professur tal-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta.

Friggieri huwa kittieb magħruf sew fil-qasam letterarju u kritiku, mhux biss f'Malta iżda anke f'pajjiżi barranin. Kiteb bosta poeżiji, novelli u rumanzi fosthom it-triloġija *It-tfal jiġu bil-Vapuri*. Ħafna mix-xogħlijiet tiegħu ġew tradotti għal-lingwi oħra. Kiteb ukoll bosta studji kritiċi fosthom dwar ix-xogħlijiet ta' Dun Karm, kif ukoll dizzjunarju ta' termini letterarji.

## Il-poeżija



- ✓ Il-poeżija hija bħal mistoqsija twila li ġġiegħel lill-qarrej jirrifletti fuq il-ħajja u fl-aħħar tagħtih tweġiba li forsi ma jkunx qed jistenna.
- ✓ Il-poeta jpoġġi quddiemna għadd ta' affarijiet differenti u jimmaġina li kieku dawn isiru realtà. Nafu li l-bniedem dejjem ifittex u dejjem irid ikun jaf, għalhekk dawn il-'jekk' kollha jagħtu l-**effett ta' tiftixa** ma taqta' xejn.
- ✓ Ħafna minn dawn l-affarijiet huma misteru fil-ħajja tagħna l-bnedmin u hawn jidher kemm il-bniedem huwa limitat.
- ✓ Il-poeta jinsisti li jekk nifhmu kollox, jekk niskopru kollox, jekk nafu, naraw u mmissu kull ħaġa li biha hu mimli l-univers ta' madwarna, inkunu tlifna s-sens ta' avventura u sbuħija fil-ħajja.
- ✓ Inkunu tlifna s-sabiħ tal-misteru u ma jkun fadlilna xejn li jferraħna u jnikkitna.

- Ir-**ritmu** huwa **mexxej** u jirrifletti r-ritmu tal-ħajja li ngħixu u li xi drabi ma jħalliniex nosservaw u napprezzaw imqar l-affarijiet iż-żgħar ta' madwarna.
- Il-bniedem jidher ċkejken ħdejn il-ħolqien u wkoll ħdejn il-meravilji tal-istess umanità. Bniedem wieħed ma jistax ikun jaf kollox, iżda jista' japprezza s-sbuħija ta' kull ħaġa li jiltaqa' magħha jew jisma' biha.
- L-użu tal-**anafora** 'jekk' biex tinħoloq ir-riflessjoni dwar dak li jagħmel il-bniedem kieku jirnexxilu jagħmel dik l-azzjoni jew jifhem dak il-misteru.

## It-teknika u l-metrika

- Strofi – kwartini
- Versi – Settenarji (watja u tronki)
- Rima – abċb mqabbża

## Termini Letterarji

- **Apokope**: it-twaqqigħ ta' ittra mit-tarf tal-kelma. Ħafna drabi ssir biex il-poeta jinqeda aħjar fir-rima.

  **Eż.** ____________________________________________

- **Polisindeto:** versi taħt xulxin li jibdew bil-konġunzjoni 'u'.

  **Eż.** ____________________________________________

  ____________________________________________

➢ **Noti oħra u eżempji ta' figuri tat-taħdit (similitudni, personifikazzjoni u metafora)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Ftit analiżi waħdek**

*jekk tifhem x'jgħidu l-kwiekeb*
*lill-qamar tul il-lej',*
*jekk tagħraf minn fejn telaq*
*is-sħab, fejn sejjer, fej'*



1. Sib u ikteb personifikazzjoni.
2. Fejn qed tintuża l-apokope u għalfejn?
3. X'effett qed tħalli l-punteġġjatura fl-aħħar vers?

*jekk ittawwalt iżżejjed*
*fuq xifer il-ġibjun*
*tal-qalb biex issa ttella'*
*bis-satal x'hemm midfun,*

1. Liema hi l-metafora ewlenija f'din l-istrofa?
2. Xi jrid ifisser biha l-poeta?
3. Kif inhi magħmula din l-istrofa?